GHARGHUR

# KUNSILL LOKALI GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

***Minuti ta'l-erbgha u hamsin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 19 ta' Mejju 2009 fis-6:00 p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Vici Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Pio Fenech |
| | Mifsud Michael |
| | Alfred Muscat |
| **Agent Segretarju Ezekuttiv** | Fabian Mizzi |

**1 Talba**

**1.1** Il-laqgha bdiet fis-6.00p.m. billi intqalet it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 53**

**2.1** Is-Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kunsill. Peress li ma kienx hemm emendi dawn approvati unanimament u iffirmati.

**3 Punti mtella' mill-minuti**

**3.1** ***Para 3.1 – Urban Improvement Fund :*** Is-Sindku nforma li konna bghatna l-applikazzjoni taghna izda konna gejna nfurmati li kien hemm bzonn ta' aktar informazzjoni minghand il-Perit tal-Kunsill. Gie unanimament deciz li l-Perit Janice Zahra tintalab tipprovdi l-informazzjoni mehtiega.

**3.2** ***Para 3.2 – Torri tas-Semaforu :*** Is-Sindku informa li Ganaja kien ser jaghmel il-fossa din il-gimgha. Huwa qal ukoll li l-bieb tat-*toilet* kien wehel filwaqt li l-MEPA qed tikkunsidra t-talba sabiex jinhareg il-*compliance certificate.* Il-*perspex* ghal quddiem il-mappa kienet lesta u ser tehel il-gimgha d-diehla. Giet approvata l-kwotazzjoni minghand Jacap sabiex issir il-lapida ta' l-okkazjoni ghall-prezz ta' € 345 u din issir wara li jkun gie approvat it-*text* mill-Ministru Pullicino. L-Kunsill A. Muscat informa li huwa kien iltaqa ma' ufficcjali mill-*Malta Command Group* li kienu offrew li jgibu mat-8 persuni mill-ghaqda taghhom lebsin ilbies ta' l-epoka kif ukoll li jgibu maghhom vetturi kif ukoll armamenti. Dan kollu gie unanimament approvat. Huwa qal li s-Sur Bertu Mula kien ser jiehu l-qis ghall-arblu filwaqt li kienet ingiebet kwotazzjoni sabiex isir il-bieb tal-garaxx.

**3.3** ***Para 3.4 – Triq Santa Katerina:*** Il-Kunsillier A. Muscat informa li huwa kien attenda ghal laqgha li saret fuq il-post li ghaliha attendew ufficcjali mill-W.S.C. kif ukoll minn Bitmac Ltd. fejn gie spjegat ix-xoghol involut. Rizultat ta' din il-laqgha kienet inharget il-*Works Order* lil Bitmac Ltd. sabiex isir ix-xoghol propost u fic-cirkostanzi gie deciz li l-Kunsill ghandu jkompli jsegwi mill-qrib l-izviluppi fuq dan il-kaz. Is-Sindku qal li kienet inkitbet ittra lir-residenti tat-triq sabiex ninfurmawhom bil-pjanijiet tal-Kunsill kif ukoll inhegguhom sabiex ilestu xi xoghlijiet li huma jixtiequ jaghmlu u li jolqtu t-triq.

GHARGHUR

Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162
Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**3.4** ***Para 3.7 – Scouts fil-Gharghur:*** Is-Sindku spjega li kienet saret laqgha ma' xi ġenituri fejn kienet intweriet ix-xewqa li l-Kunsill jikseb id-devoluzzjoni ta' l-ex-Sptar f' Tal-Ferha sabiex eventwalment il-post jibda jintuza mill-iScouts tar-rahal. Wara diskussjoni gie unanimament deciz li ghalissa l-Kunsill jistenna aktar informazzjoni minghand il-Grupp Scouts pero' l-Kunsill ihoss li jkun ahjar jekk id-devoluzzjoni tintalab direttament mill-iScouts.

**3.5** ***Para 3.10 – Applikazzjonijiet 313 u 323:*** Is-Sindku nforma li d-Dipt. ta' l-Artijiet kien infurmana li ma kienx possibbli li l-Kunsill jinghata d-devoluzzjoni tas-*Searchlight Battery* peress li l-Gvern kellu pjanijiet ohra ghall-post. Hu kien talab l-intervent tas-Seg. Parl. l-Onor. Chris Said u ghandna qed nistennew risposta ghalkemm is-Seg. Parlamentari infurmana sabiex inkomplu ghaddejjin bl-applikazzjonijiet daqs li kieku d-devoluzzjoni giet accettata. Sadanittant l-Agent S.E. informa li x-xoghol fuq l-applikazzjonijiet kien miexi kif ippjanat.

**3.6** ***Para 3.11 – Xoghlijiet GO p.l.c. :*** Is-Sindku nforma li GO p.l.c. kienu qed isibu problema sabiex jinbidel *inspection chamber* fi Triq Caravaggio kantuniera ma' Triq 31 ta' Marzu wara li dan gie rrapurtat bhala perikoluz. Gie unanimament deciz li sakemm dan l-*inspection chamber* jintranga, l-Kunsill ma kellux japprova aktar permessi ghal xoghlijiet ta' GO p.l.c. gewwa r-rahal.

**3.7** ***Para 3.12 – Youth Exchanges:*** Il-Kunsillier P. Fenech informa li l-laqgha kienet saret aktar kmieni llum u peress li x-xoghol involut fil-proposta kif ippresentata huwa ferm iktar milli konna qed nistennew gie unanimament deciz li ghalissa l-Kunsill m'ghandux ikompli jsegwi dan il-progett izda jipprova sempliciment jaghmel *Youth Exchange* kif qed isir minn Kunsilli ohra.

**3.8** ***Para 3.14 – Ilment Sqaq Charlotte :*** Is-Sindku nforma li l-karru kien tnehha wara ntervent mill-Pulizija filwaqt li d-Dipt. tas-Sanita' kien ikkonferma li fil-post m'ghadhomx jinzammu zwiemel.

**3.9** ***Para 3.17 – Reserved Parking Bay:*** L-Agent S.E. informa li x-xoghol approvat fl-ahhar laqgha kien ser isir ghada filwaqt li gie unanimament deciz li l-*parking bays* jibqghu isiru fi Triq 31 ta'Marzu sal-kantuniera ma' Triq Zaghruna.

**3.10** ***Para 3.18 – Jum il-Gharghur 2009:*** L-Agent S.E. ipprezenta l-Budget tas-Sotto Kumitat Relazzjonijiet Pubblici (SKRP). Dan juri li l-ispiza ippjanata li ser tintefaq hi ferm aktar minn dik originarjament mahsuba. Gie unanimament deciz li l-Kunsill jirrevedi l-Budget tieghu. Dan jigi diskuss f''aktar dettal fil-laqghat li gejjin. Gie ipprezentat ukoll il-Budget tas-Sotto Kumitat ghall-Edukazzjoni li jikkonferma li l-ammont ivvutat ghandu jkun bizzejjed sabiex jiffinanzja l-attivitajiet ippjanati.

Sadanittant rigward l-attivitajiet marbuta mac-celebrazzjonijiet ta'Jum il-Gharghur 2009 gie innotat li ghadna qed nistennew risposta minghand is-Socjeta'Filarmonika San Bartilmew dwar il-kuncert. Gie unanimament deciz li ninfurmaw ufficcjalment lill-erbgha persuni li gew nominati ghall-Unur Excelsior u nitolbuhom jikkonfermaw kif ukoll sabiex jipprovdu profil taghhom.

**3.11** ***Para 5.2 – Patching permezz ta' konkos. :*** Is-Sindku nforma li wara li dan l-ilment gie nvestigat gie unanimament deciz li ghalissa jinghataw biss 5 jardi u mhux 10 kif

gejna mitluba.

**3.12** ***Para 5.3 – Sub Station Enemalta***: L-Agent S.E. informa li dan is-suggett kien ser jigi diskuss ghada waqt laqgha li kien ser ikollu ma' ufficcjali mill-Korporazzjoni Enemalta.

**3.13** ***Para 6.11 – Poloz ta' Assikurazzjoni*** – L-Agent S.E. informa li l-poloz kienu gew imgedda kif approvat fl-ahhar laqgha.

**3.14** ***Para 7.2 – Ftuh ta' xelter*** : L-Agent S.E. ipprezenta kwotazzjoni minghand Ganaja ta' €150 sabiex jifthu dan ix-xelter u din giet approvata unanimament. Huwa qal ukoll li x-xoghol kien ser isir din il-gimgha stess meta ser issir spezzjoni minn ufficcjali tal-MEPA.

**3.15** ***Para 7.3 – Tberik ta' l-Annimali*** : Il-Kunsill innota li din is-sena kien hawn attendenza rekord ghal din l-attivita' u gie unanimament deciz li s-sena d-diehla jiddahhlu 2 kenniesa flok wiehed sabiex inaddfu wara l-annimali.

**3.16** ***Para 7.4 – Huggiega ta' San Gwann*** : Il-Kunsillier P. Fenech ta dettalji tal-programm imhejji ghal din l-okkazjoni bil-partecipazzjoni tal-Kazin tal-Banda, l-Parrocca, l-Ghaqda tan-Nar flimkien mal-Kunsill. Huwa spjega li ghall-okkazjoni kien ser ikun hemm il-htiega li tinghalaq il-Pjazza ghal xi hin peress li jkun irid jintrama palk. Huwa rega kkonferma li l-ispejjez tal-Kunsill ser ikunu minimi u ser jikkonsistu biss fil-kiri ta' *PA System* u siggijiet. Dan gie unanimament approvat u gie deciz li din l-attivita' tkun diskussa aktar fid-dettal fil-laqghat li gejjin. Gie deciz ukoll li jitqassam *flyer* f'kull residenza sabiex ninfurmaw lir-residenti b'din l-attivita'.

**3.17** ***Para 7.5 – Zvilupp fi Triq San Gwann*** : Is-Sindku nforma li sa issa konna ghadna qed nistennew risposta minghand il-kuntrattur.

**3.18** ***Para 7.6 – Fondi Accessibiulita' ghal Kulhadd*** : Is-Sindku nforma li l-applikazzjoni taghna kienet giet sottomessa lid-Dipt. ghall-Gvern Lokali.

**3.19** ***Para 7.7 – Sick Leave Impjegati*** **:** L-Agent S.E. ta' spjegazzjoni dwar is-suggett kif moghtija lilu mid-Dipt. tas-Sigurta' Socjali kif ukoll mid-Dipt. tal-Gvern Lokali. Fic-cirkostanzi l-Agent S.E. intalab sabiex jikkonferma li l-ammont dovut lill-Kunsill mid-Dipt. tas-Sigurta' Socjali kien wasal ghand il-Kunsill. Gie innotat li l-Kunsill ma ghandu l-ebda kontroll sabiex jizgura li l-impjegat ikun baghat ic-certifikati mehtiega fil-hin lil-Dipt tas-Sigurta' Socjali kif ukoll ir-rimbors li jsir mid-Dipt. ikun permezz ta' *cheque* li jintbaghat direttament lill-impjegat u li jkun pagabbli lilu biss. Gie unanimament deciz li minn issa l-quddiem kull meta jittiehed *sick-leave* aktar minn 3 itjiem il-Kunsill ihallas id-differenza bejn il-paga u l-ammont li l-impjegat ikun ser jircievi minghand id-Dipt tas-Sigurta' Socjali.

**3.20** ***Para 7.8 – Attivita Gharghur F.C.*** **:** Is-Sindku spjega li l-attivita' kienet saret skond kif kien ippjanat wara li l-Pulizija kienu hargu l-permessi kollha necessarji. Gie deciz li l-Kunsill ghandu jaghmel riceviment zghir sabiex juri l-apprezzament tieghu ghall-fatt li t-team tal-Gharghur F.C. kien kiseb il-promozzjoni u gie deciz li jinxtara momento sa mhux aktar minn € 100 sabiex jigi pprezentat fl-istess okkazjoni.

## 4 Approvazzjoni ta’ Pagamenti Pendenti

**4.1** L-Agent S.E. ipprezenta l-iskeda ta’ pagamenti pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sad-data tal-laqgha. Il-Kunsill unanimament approva dawn il-pagamenti kollha.

***Il-Kunsillier M. Mifsud inghaqad mal-Kunsill fis-7:45 p.m. minhabba mpenji ohra.***

## 5 Ilmenti u Suggerimenti

**5.1** Ilment minghand resident wara li allegatament fanal waqa fuq il-vettura tieghu fi Sqaq ir-Ruzarju. Gie innotat li r-rapport li ghamel ir-resident ma jindikax li l-hsara li garrbet il-vettura kienet kawza tal-fanal kif ukoll id-dokumentazzjoni li giet ipprezentata fiha hafna nuqqasijiet. Gie unanimament l-Agent S.E. jinforma lir-resident b’dawn in-nuqqasijiet. Ghalissa gie deciz li ghalissa ma jsir xejn aktar.

**5.2** Talba sabiex ir-*Reserved Bay* li hemm fi Triq San Bartilmew li qabel kienet tintuza mill-Kunsill titnehha kif ukoll li r-*Reserved Bay* ghal persuni bi Bzonnijiet Specjali li hemm fl-istess triq tittella aktar il-fuq. Filwaqt li l-ewwel talba giet approvata unanimament, it-tieni talba ma gietx approvata.

**5.3** Talba minghand il-Kappillan sabiex il-Kunsill jaghmel stedina ufficcjali lill-President ta’ Malta sabiex dan izur ir-rahal fl-okkazjoni tal-Festi Centinarji tal-Parrocca. Filwaqt li l-Kunsill approva din it-talba unanimament, gie deciz li l-ewwel ghandna nitolbu lil-Kappillan jindikalna d-data li fiha jixtieq li ssir din iz-zjara.

***Il-Vici Sindku nghaqad mal-Kunsill fit-8:00 p.m. minhabba mpenji ohra.***

**5.5** Talba sabiex issir tabella li tindika d-direzzjoni tal-Madliena fuq il-Pjazza tad-Dejma. Din it-talba giet approvata.

## 6 Korrispondenza

**6.1** Korrispondenza varja li rcivejna mill-ahhar laqgha sa llum minghand il-MEPA dwar zviluppi fil-lokalita’.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.2** Korrispondenza mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar kwotazzjonijiet li jridu jibdew jidhru fil-gazzetta The Malta Independent.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.3** Korrispondenza mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar l-Avviz Legali 129/2009 dwar l-Att Dwar il-Licenzji tal-Kummerc.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.4** Korrispondenza mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar dwar Avviz Legali 144/2009 li jirregola l-Gemellaggi.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**7 Materji Ohra u Mistoqsijiet**

**7.1** Gie unanimanet deciz li l-Kunsill jaghmel riklam li jkun jiswa sa mhux aktar minn €120 fil-fuljetti li jinhargu mill-Ghaqda tan-Nar, mis-Socjeta Filarmonika San Bartilmew u mil-Parrocca fl-okkazjoni tal-festa tar-rahal. Il-Vici Sindku ser jiehu hsieb jiddisinja dan ir-riklam u gie deciz ukoll li dan ikun jinkorpora fih promozzjoni ghall-ktieb li l-Kunsill ser jippubblika fil-gimghat li gejjin.

**7.2** Is-Sindku ipprezenta l-ahhar verzjoni tal-ktieb dwar ir-rahal miktub minn Giljan Bezzina. Dan gie approvat unanimament. Hu qal li issa ser issir l-ahhar laqgha ma l-awtur u Din l-Art Helwa u wara jibda l-process sabiex jigi ippubblikat il-ktieb.

**7.3** Is-Sindku ta' dettalji dwar il-Patt tas-Sindki u l-obbligi li dan il-patt igorr mieghu u wara diskussjoni dan gie unanimament approvat. Gie unanimament approvat ukoll li s-Sindku ghandu jiffirma dan il-Patt f'isem il-Kunsill.

**7.4** L-Agent S.E. informa li kienet inharget il-*Works Order* lil Bitmac Ltd. sabiex isir ix-xoghol fi Triq Caravaggio.

**7.5** L-Agent S.E. informa li ghada l-Erbgha kien sejjer ghand il-*printer* bil-fuljett li ghandu johrog kmieni x-xahar id-diehel.

**7.6** Is-Sindku nforma li kienet saritlu talba mill-iskrivana li bhalissa qed tahdem *part-time* sabiex hija taqleb *full-time* minhabba li x-xoghol qed jizdied kontinwament. L-Agent S.E. esprima l-parir tieghu li l-iskrivana hija tajba f'xoghlha u kapaci tahdem wehidha u dan urietu dan l-ahhar meta ghal perjodu ta' xaghrejn zammet l-ufficcju miftuh fl-assenza ta' l-iskrivana l-ohra. Is-Sindku u l-Kunsillieri unanimament qablu li din ghandha taqleb *full-time* mill-1 ta' Gunju 2009.

**7.7** L-Agent S.E. ipprezenta d-*Draft l-Financial Statements* ghas-sena finanzjarja 2008/2009 u dawn gew approvati unanimament filwaqt li s-Sindku u l-Agent S.E. gew awtorizzati sabiex jiffirmaw id-dokument imsemmi.

**7.8** Gie unanimament deciz li fil-granet li gejjin ghandu jintbaghat kwestjonarju f'kull residenza sabiex naraw ir-residenti x'jahsbu dwar id-diversi servizzi offruti mill-Kunsill kif ukoll nircievu suggerimenti minghandhom ta' kif dawn is-servizz jistghu jitjiebu u jissahhu aktar. Il-Vici Sindku ser jiehu hsieb jaghmel *draft* ta'dan il-kwestjonarju sabiex jigi ikkunsidrat mill-Kunsill.

Gie unanimament deciz ukoll li wara li jghaddi s-Sajf isiru sensiela ta' laqghat ma l-Ghaqdiet tar-rahal sabiex niddiskutu maghhom kif tista issir aktar hidma ikkoordinata b'risq ir-residenti.

***Il-laqgha ntemmet fid-8.55 p.m. Laqgha ohra ssejhet ghal Erbgha 3 ta' Gunju 2009 fis-6.00pm.***

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Fabian Mizzi** | |
| **Sindku** | **Agent Segretarju Ezekuttiv** | **Data** |